

# Believe in People

# Prijoritajiet 2014-2019

Grupp **PPE**



# Min aħna?

**Aħna l-akbar familja politika fl-Ewropa, immexxija minn viżjoni politika taċ-ċentru-lemin. Aħna l-Grupp tal-Partit Popolari Ewropew fil-Parlament Ewropew.**

# Dak li nemmnu fih

Aħna nemmnu fil-potenzjal individwali tal-persuni li joħolqu l-ħajja li jixtiequ huma.

Aħna favur l-imprendituri, favur il-kummerċ, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Aħna noħolqu l-ambjent li jippermetti lill-individwi li jieħdu l-inizjattiva għall-benefiċċju tagħhom stess u tas-soċjetà kollha kemm hi. Aħna parti mill-istess tim – ngħinu lil xulxin u nagħmlu dak kollu li hemm bżonn sabiex insibu soluzzjonijiet għall-isfidi tal-ġejjieni.

Inqisu l-kontinent Ewropew bħala art fejn il-persuni jistgħu jivvjaġġaw, jinnegozjaw, jinvestu, jitgħallmu minn xulxin, jixtru, ibiegħu, jikkollaboraw u jingħaqdu f'tim. Inti taħsibha bl-istess mod?'

# Il-poplu tagħna

Aħna nemmnu f'persuni dinamiċi, b'ħiliet intraprenditorjali, ta' talent, motivati u ddedikati. Persuni li għandhom ideat tajbin u li huma motivati biex isegwu l-ħolma tagħhom.

Aħna nemmnu f'persuni li jippruvaw iwettqu ideat ġodda, jieħdu riskji u ma jibżgħux li ma jirnexxux. Persuni li ma jaqtgħux qalbhom meta ma jirnexxux u li jkomplu sejrin sakemm jaslu fejn iridu. Persuni li huma kapaċi jadattaw, jinbidlu, jitgħallmu, jirriformaw, jikbru u joħolqu.



Nixtiequ ngħinu lill-persuni jiksbu suċċess u ngħinuhom meta jkunu qed jiffaċċjaw sitwazzjonijiet diffiċli. Nemmnu li għandha tiġi provduta xibka ta' sigurtà għal dawk li għandhom bżonnha, u li kulħadd għandu jingħata ċans indaqs biex jirnexxi.

In-nies huma l-ekonomija tagħna. Il-poplu Ewropew huwa l-akbar ekonomija fid-dinja. Kulħadd fl-Ewropa jibbenefika mill-akbar suq fid-dinja - f'dak li għandu x'jaqsam ma impjiegi relatati ma' esportazzjonijiet, kummerċ elettroniku, viżitaturi barranin, investiment u pprezzar kompetittiv. Inti magħna?

Nixtiequ li l-impriżi tal-familja tagħna, in-negozji żgħar tagħna, l-innovaturi, l-inventuri, ir-riċerkaturi, ix-xjentisti tagħna u dawk li jaħdmu għal rashom ikunu sors ta' ispirazzjoni għall-innovazzjoni u l-eċċellenza fl-Ewropa kollha u lil hinn minnha.

**Aħna nemmnu fin-nies tagħna. Inti magħna?**

Believe in People

**Ingħaqad magħna hawnhekk:**
**www.eppgroup.eu**



# Il-fehmiet tagħna

## 1. Il-pjan tagħna għall-Ekonomija

- L-ekonomiji Ewropej tagħna jeħtieġ li jsiru **moderni, kompetittivi** u **innovattivi,** jeħtieġ li jipproduċu l-għarfien u l-kompetenzi, jekk irridu nikkompetu maċ-Ċina, l-Indja, il-Brażil u r-Russja.
- Aħna nemmnu li nistgħu nagħmlu lill-kontinent Ewropew dawl ta' gwida għar-**riċerka u l-innovazzjoni.** L-industriji Ewropej iridu jkunu mexxejja dinjija fl-invenzjoni u l-użu ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju li jiggarantixxu l-indipendenza fl-enerġija u joħolqu l-impjiegi.
- Se noħolqu ambjent li fih jistgħu jirnexxu l-imprendituri u n-negozji tal-familji u fejn tiġi ppremjata **l-intraprenditorija.** Aħna ser niżguraw governanza Ewropea itjeb milli hi illum fi kwistjonijiet tat-taxxa biex jitnaqqsu l-ispejjeż u titnaqqas il-burokrazija.
- Nemmnu li **s-suq uniku** – jiġifieri l-ispazju fejn isir l-bejgħ u l-esportazzjoni transkonfinali fis-suq Ewropew - huwa l-aħjar mod kif l-Ewropa tikseb il-kompetittività. Irridu neliminaw l-ostakoli għall-kummerċ, kemm intra-UE u kemm globali, minħabba li l-kummerċ ħieles u l-aċċess għal swieq oħrajn għall-prodotti u s-servizzi tagħna jistimola t-tkabbir ekonomiku f'kull pajjiż Ewropew.
- Il-pjan tagħna għall-**ekonomija tas-suq soċjali** jiżgura l-libertà imprenditorjali b'sistema ta' paraxut. Kulħadd għandu ċ-ċans li jirnexxi u aħna ngħinu lil dawk f'diffikultà sabiex jerġgħu jibdew sejrin tajjeb.

## 2. Il-pjan tagħna għall-Impjiegi

- Aħna se ninvestu fl-**edukazzjoni** għolja u fl-edukazzjoni dwar l-imprenditorija, fit-taħriġ, fl-innovazzjoni u r-riċerka (li jirrappreżentaw 3 % tal-PGD) għall-industriji għall-industriji tal-ġejjieni.



- Se ngħinu lin-negozji joħolqu **mpjiegi ta' kwalità għolja** għall-ħaddiema tal-etajiet kollha, nisa u rġiel, mgħejuna minn edukazzjoni li twassal sabiex il-persuni jkunu kapaċi jsibu impjieg u għal tagħlim u taħriġ kontinwu matul il-ħajja tax-xogħol kollha tagħhom.
- Se nerġgħu nġibu **investiment** lura fl-UE, billi nattiraw investituri privati u kapital. Se nipprovdu finanzjament pubbliku għar-riċerka u l-iżvilupp, u ninċentivaw sħubijiet pubbliċi-privati.
- Se **nappoġġaw dawk li jibdew negozji waħidhom** li jkunu jixtiequ jibdew in-negozju tagħhom stess, speċjalment imprendituri nisa.
- Se nasserixxu l-interessi ekonomiċi tagħna globalment, u nfittxu l-**kummerċ internazzjonali** u l-investiment ma' swieq barranin, mingħajr ma naqgħu fi protezzjoniżmu u nazzjonaliżmu. Aħna se nagħmlu mill-Ewropa post favur in-negozju u attraenti għall-investituri.

## 3. Il-pjan tagħna għall-Banek u d-Dejn Pubbliku

- Il-banek għandhom **jaqdu lin-nies u lill-ekonomija.** Ir-rwol tagħhom huwa li jistimulaw l-intraprenditorija u l-iżvilupp ekonomiku.
- Il-persuni li nemmnu fihom joħolqu l-ġid, mhux id-dejn. Dawn huma gvernaturi responsabbli, mhux persuni li jonfqu b'mod irresponsabbli. Se nużaw biss il-flus u r-riżorsi li diġà għandna. Billi naqtgħu l-ispejjeż u l-infiq żejda, **innaqqsu d-dejn privat kif ukoll dak pubbliku.**
- Se neħilsu lin-nies mid-dejn sovran u mis-salvataġġi tal-banek. Se noħolqu **unjoni bankarja** mal-Ewropa kollha b'superviżjoni stretta fuq il-banek, regoli dwar il-livell ta' kapital li għandhom iżommu l-banek u dwar kif jiġu rkuprati jew stralċati jekk ikun hemm bżonn. Se niżguraw li t-tfaddil u d-depożiti tal-persuni jiġu protetti.
- Se niżguraw l-**istabbiltà** tal-ewro u kif ukoll l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji.



## 4. Il-pjan tagħna għan-Negozji ż-Żgħar

- Nemmnu li **n-negozji mikro, żgħar u dawk medji** huma l-pedament tal-ekonomija Ewropea – dawn jipprovdulna tnejn minn kull tliet impjiegi fis-settur privat. Se ngħinu lill-persuni jwaqqfu n-negozju tagħhom stess (fi tlett ijiem) u nnaqqsu l-ħin użat għat-taxxa fuq il-valur miżjud, it-taxxi u d-dwana.
- Ser inħeġġu n-negozji jimpjegaw impjegati ġodda, **jespandu u jesportaw,** iżommu l-fluss tal-flus għaddej, jaċċessaw self għall-bidu ta' negozji mill-banek, mill-BĊE u l-BEI, u jiżguraw li l-fatturi jitħallsu immedjatament.
- Se niksbu t-tlestija tas-suq uniku. Se noħolqu **Suq Uniku Diġitali** biex niżviluppaw il-bejgħ f'Ewropa miftuħa online b'sett wieħed ta' regoli.

## 5. Il-pjan tagħna għal Ewropa aktar sikura fid-dinja

- Aħna nemmnu fil-**ġestjoni tal-migrazzjoni,** fl-aċċettazzjoni ta' dawk li jfittxu l-asil b'mod leġittimu, u li l-immigranti illegali għandhom jinżammu barra.
- Aħna nemmnu fil-koordinazzjoni tal-isforzi nazzjonali biex **nipprevjenu l-kriminalità organizzata** u ntemmu l-politika korrotta.
- Aħna nemmnu li kulħadd għandu d-dritt **għall-ikel li ma jagħmilx ħsara għas-saħħa,** b'informazzjoni affidabbli dwar l-ingredjenti u l-oriġini.
- Se naħdmu biex inħarsu **d-drittijiet għall-privatezza** fuq l-internet u biex inħarsu d-data personali tagħhom.
- Aħna nemmnu **fid-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd** u nippromwovu dan it-twemmin fil-politiki kollha tagħna, kemm Ewropej kif ukoll globali.

# Aħna nemmnu fin-nies tagħna. Ejja ningħaqdu f'tim. Inti magħna?

Grupp **PPE**
fil-Parlament Ewropew


| | |
|---|---|
| Ippubblikat mit-: | Tim tal-pubblikazzjonijiet |
| | Servizz tal-Istampa u l-Komunikazzjoni |
| | Grupp PPE fil-Parlament Ewropew |
| Editur: | Pedro López de Pablo |
| | Kap tas-Servizz tal-Istampa u l-Komunikazzjoni |
| Internet: | www.eppgroup.eu |
| Posta elettronika: | epp-publications@europarl.europa.eu |


| | |
|---|---|
| Dritt tal-Awtur: | Grupp PPE fil-Parlament Ewropew |